



Linji Gwida dwar il-proċeduri ta' rekrutaġġ tal-uffiċjali f'pożizzjoni maniġerjali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Il-proċeduri ta' rekrutaġġ tal-uffiċjali f'pożizzjoni maniġerjali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea huma rregolati mir-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea.

Dawn il-proċeduri huma intiżi li jggarantixxu lill-Istituzzjoni l-kollaborazzjoni tal-aħjar talenti, irreklutati skont il-mertu, fl-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza u tal-projbizzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni, fuq bażi ġeografika l-iktar wiesgħa possibbli fost iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Proċedura ta' rekrutaġġ tal-uffiċjali f'pożizzjoni maniġerjali għolja (Diretturi Ġenerali u Diretturi)

Il-proċedura segwita mill-Qorti tal-Ġustizzja għar-rekrutaġġ tal-uffiċjali f'pożizzjoni maniġerjali għolja hija bbażata fuq l-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea *.

Is-sejħa għal kandidaturi, li hija bħala prinċipju ppubblikata fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, tiddekrivi l-pożizzjoni li għandha timtela u l-profil imfittex. Hija tiddefinixxi l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà u l-elementi li għandhom jiġu inklużi fil-fajls tal-kandidatura.

Il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà stabbiliti fis-sejħa għal kandidaturi huma maħsuba kemm sabiex jiġu attratti kandidati li għandhom l-ogħla kwalitajiet ta' kompetenza u sabiex jiġi promoss rekrutaġġ fuq bażi ġeografika l-iktar wiesgħa possibbli fost iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni. Huma jinkludu b'mod partikolari l-livell ta' studju u ta' kwalifiki meħtieġ, l-esperjenza professjonali u ta' ġestjoni mistennija, kif ukoll ir-rekwiżiti lingwistiċi li jirriżultaw mill-funzjonijiet tal-pożizzjoni li għandha timtela.

Minbarra *curriculum vitae* u ittra ta' motivazzjoni, il-fajl ta' kandidatura jeħtieġ preżentazzjoni fil-qosor tal-kandidat fejn jippreżenta l-viżjoni tiegħu tal-attivitajiet u tal-ġestjoni ta' dipartiment bħal dak li huwa s-suġġett tas-sejħa għal kandidaturi. Dan il-“proġett ta' dipartiment” jippermetti li tiġi evalwata l-kapaċità tal-kandidat li jiżviluppa viżjoni strateġika. Huwa jikkostitwixxi kemm strument ta' riflessjoni għall-kandidati kif ukoll għodda li tippermetti lill-Istituzzjoni tifhem il-fond il-profil tal-kandidatura.

Huma ammissibbli biss il-kandidaturi ppreżentati fit-termini stabbiliti u li jinkludu d-dokumenti kollha mitluba fis-sejħa għal kandidaturi.

Il-grupp responsabbli għall-proċeduri ta' selezzjoni fi ħdan id-Direttorat għar-Riżorsi Umani tal-Qorti tal-Ġustizzja jirċievi l-kandidaturi, jiżgura s-segwitu u jakkumpanja lill-kandidati matul il-proċedura kollha.

Il-Kumitat ta' Preselezzjoni, li l-kompożizzjoni tiegħu hija approvata fl-istess ħin mas-sejħa għal kandidaturi, huwa magħmul mir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, minn uffiċċjal f'pożizzjoni maniġerjali għolja wieħed jew iktar tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll, fil-parti l-kbira tal-każijiet, minn personalità esterna li teżerċita jew kienet teżerċita karigi għolja fil-qasam ikkonċernat, li ġeneralment tkun uffiċċjal f'pożizzjoni maniġerjali għolja tal-istituzzjonijiet l-oħra.

Il-Kumitat ta' Preselezzjoni jeżamina l-fajls ta' kandidatura, jiddetermina jekk il-kandidaturi humiex ammissibbli u jekk il-kandidati jissodisfawx il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà stabbiliti fis-sejħa għal kandidaturi. Wara, iqabbel il-profil tal-kandidati ammissibbli, abbażi tal-informazzjoni pprovduta fil-kandidaturi tagħhom, fid-dawl tal-profil imfittex deskritt fis-sejħa għal kandidaturi.

Il-kandidati li l-fajls tagħhom jitqiesu l-iktar rilevanti fid-dawl tal-kriterji ta' evalwazzjoni u tar-rekwiżiti tal-pożizzjoni li għandha timtela jiġu mistiedna għal intervista quddiem il-Kumitat. L-intervisti jsiru bil-lingwa jew bil-lingwi li hija mitluba l-konoxxenza tagħhom fis-sejħa għal kandidaturi.

Wara l-intervisti, il-Kumitat ta' Preselezzjoni jibgħat lill-Kumitat Amministrattiv ¹ il-fajls kollha tal-kandidati, tabella ta' evalwazzjoni tal-kandidati kollha, rapport ta' evalwazzjoni ddettaljat tal-kandidati intervistati kif ukoll lista ristretta tal-kandidati li jidhru l-aħjar sabiex iwettqu l-funzjonijiet inkwistjoni.

Il-Kumitat Amministrattiv jintervista lill-kandidati kollha jew uħud minn dawk li jinsabu fuq il-lista ristretta, jew kwalunkwe kandidat ieħor li jkun jixtieq jisma'. Huwa jiformula proposta rigward il-kandidat li għandu jinħatar, li jissottometti lil-Laqqha Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja ², li għandha l-awtorità tal-ħatra fir-rigward tal-uffiċjali f'pożizzjoni maniġerjali għolja.

Proċedura ta' reklutaġġ tal-uffiċjali f'pożizzjoni maniġerjali intermedja (Kapijiet ta' Diviżjoni u Assistenti Kapijiet ta' Diviżjoni)

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 29(1) tar-Regolamenti tal-Persunal *, il-proċedura ta' reklutaġġ tal-uffiċjali f'pożizzjoni maniġerjali intermedja tal-Qorti tal-Ġustizzja tipprevedi l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' pożizzjoni vakanti, fil-kuntest ta' trasferiment intern u/jew ta' trasferiment interistituzzjonali ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Jekk ikun il-każ, tista' tiġi organizzata kompetizzjoni, kemm jekk tkun (i) interna għall-Istituzzjoni, (ii) miftuħa għall-kandidati li ġejjin minn istituzzjonijiet oħra u korpi tal-Unjoni, (iii) jew ġenerali, jiġifieri miftuħa għall-persuni esterni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni.

L-awtorità tal-ħatra hija l-Kumitat Amministrattiv, ħlief fir-rigward tal-uffiċjali f'pożizzjoni maniġerjali intermedja tar-Reġistru tal-Qorti Ġenerali li għalihom l-awtorità tal-ħatra hija eżerċitata mill-Kumitat ta' Ġestjoni ³.

L-awtorità tal-ħatra tiddeċiedi li timla pożizzjoni vakanti ta' Kap ta' Diviżjoni jew ta' Assistent Kap ta' Diviżjoni, tiddetermina l-proċedura ta' reklutaġġ, tapprova l-avviż ta' pożizzjoni vakanti u, jekk ikun il-każ, torganizza kompetizzjoni kif ukoll taħtar il-membri tal-bord, imbagħad tagħmel il-ħatra.

Is-selezzjoni tal-kandidati ssir minn kumitat ta' evalwazzjoni, jew bord fil-każ ta' kompetizzjoni, li l-kompożizzjoni tiegħu tiġi deċiża skont il-karatteristiċi speċifiċi tad-dipartiment ikkonċernat kif ukoll skont ir-rekwiżiti tal-pożizzjoni li għandha timtela.

Il-kandidati li l-fajl ta' kandidatura tagħhom ikun jirrispondi għall-kundizzjonijiet ta' ammissjoni u ta' ammissibbiltà speċifikati fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti u li l-kandidatura tagħhom hija l-aħjar waħda sabiex tirispondi għall-profil imfittex jistgħu jiġu mistiedna għal intervista.

Il-proċedura ta' selezzjoni tista' tinkludi testijiet bil-miktub u/jew orali.

L-intervisti huma intiżi sabiex tiġi evalwata l-motivazzjoni, il-konoxxenza tal-oqsma relatati mal-funzjonijiet li għandhom jiġu eżerċitati, kif ukoll il-kompetenzi lingwistiċi u ġenerali meħtieġa fid-dawl tal-profil imfittex.

L-avviżi ta' kompetizzjoni jiddeskrivu l-modalitajiet tat-testijiet skont l-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal.

L-awtorità kompetenti tiegħu d-deċiżjoni tal-ħatra fid-dawl tal-kandidaturi u tar-rapport ta' evalwazzjoni stabbilit mill-kumitat.

¹ Il-Kumitat Amministrattiv huwa ppresjedut mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Huwa jinkludi fih, barra minn hekk, seba' Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll il-President u tliet Membri tal-Qorti Ġenerali. Il-Kumitat Amministrattiv huwa assistit mir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali jassisti għal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv.

² Il-Laqqgħa Ġenerali tinkludi l-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali kollha tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja jassisti għal din il-laqqgħa.

³ Il-Kunsill ta' Ġestjoni tal-Qorti Ġenerali huwa magħmul mill-President tal-Qorti Ġenerali, mill-Viċi-President tal-Qorti Ġenerali kif ukoll minn ħames Imħallfin oħra tal-Qorti Ġenerali. Il-Kunsill ta' Ġestjoni huwa assistit mir-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali.

* Regolament Nru 31 (K.E.E) 11 (K.E.F.A.) li jistabbilixxi r-**Regolamenti tal-Persunal** u l-iskema applikabbli għall-membri l-oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 45, 14.6.1962, p. 1385), emendat.

L-Artikolu 29(1) u (2), tar-Regolamenti tal-Persunal:

"1. Qabel ma timtela pożizzjoni battala f'istituzzjoni, l-awtorità tal-ħatra għandha l-ewwel tikkunsidra:

a) jekk il-pożizzjoni tistax timtela:

i) bi trasferiment, jew

ii) b'ħatra skont l-Artikolu 45a, jew

iii) bi promozzjoni

fi ħdan l-istituzzjoni;

b) jekk ġewx irċevuti talbiet għat-trasferiment tiegħu minn uffiċjali tal-istess grad f'istituzzjonijiet oħrajn, u/jew,

c) jekk kienx possibbli li l-pożizzjoni battala timtela permezz tal-possibbiltajiet imsemmija fil-punti (a) u (b), jekk għandhomx jitqiesu listi ta' kandidati idonei skont it-tifsira tal-Artikolu 30, fejn ikun xieraq, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet rilevanti rigward kandidati adatti fl-Anness III u/jew

d) jekk għandhiex issir kompetizzjoni interna fl-istituzzjoni, li għandha tkun miftuħa biss għal uffiċjali u personal temporanju kif definit fl-Artikolu 2 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea

jew jimxu mal-proċedura tal-kompetizzjonijiet, fuq il-bażi ta' kwalifiki jew ta' eżamijiet, jekk ta' kwalifiki u ta' eżamijiet. L-Anness III jippreżenta l-proċedura tal-kompetizzjoni.

Il-proċedura tista' l-istess tkun segwita għall-iskop biex tkun kostitwita riserva għall-reklutaġġ futur.

Filwaqt li jinżamm il-prinċipju li l-maġġoranza l-kbira tal-uffiċjali għandhom jiġu rreklutati abbażi ta' kompetizzjonijiet

miftuħa, l-awtorità tal-ħatra tista' tiddeċiedi li, b'deroga mill-punt (d) u f'każijiet eċċezzjonali biss, torganizza

kompetizzjoni interna għall-istituzzjoni li tkun miftuħa wkoll għall-persunal kuntrattwali kif definit fl-Artikoli 3a u 3b tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.;" Dik il-kategorija tal-aħħar ta' persunal għandha tkun suġġetta għal restrizzjonijiet fir-rigward ta' dik il-possibbiltà kif stabbilit fl-Artikolu 82(7), tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea u fir-rigward ta' xogħlijiet speċifiċi li kien intitolat li jagħmel b'ħala persunal kuntrattwali.

2. Proċedura oħra barra l-proċedura tal-kompetizzjoni tista' tkun adottata mill-Awtorità tal-ħatra għar-reklutaġġ ta' l-uffiċjali għolja (Diretturi Ġenerali jew ekwivalenti fil-grad AD 16 jew AD 15, u Diretturi jew ekwivalenti fil-grad AD 15 jew AD 14) u, f'każijiet ta' eċċezzjoni, ukoll għar-reklutaġġ għal posizzjonijiet li jeħtieġu kwalifiki speċjali."